

KAMPANJA EWROPEA DWAR L-EVALWAZZJONI TAR-RISKJU



Sommarju tal-Kampanja

**POSTIJET TAX-XOGĦOL LI
JĠIBU 'L QUDDIEM IS-SAĦĦA
TAJJEB GĦALIK. TAJJEB GĦALL-KUMPA NIJA**

<http://hw.osha.europa.eu>



Aġenzija Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xogħol



Postijiet tax-xogħol li jġibu
'l quddiem is-saħħa



| | | |
|-----|---|----|
| 1. | Kuntest ġenerali | 3 |
| 1.1 | L-importanza tal-valutazzjoni tar-riskji | 3 |
| 1.2 | Il-valutazzjoni tar-riskji – iċ-ċavetta għal postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa | 4 |
| 1.3 | Kuntest ġuridiku | 5 |
| 2. | Postijiet tax-Xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa: Tajjeb għalik. Tajjeb għall-kumpanja. Kampanja Ewropea dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji | 5 |
| 2.1 | Kuntest | 5 |
| 2.2 | Għanijiet tal-kampanja | 6 |
| 2.3 | Strateġija tal-kampanja | 6 |
| 2.4 | Kalendarju tal-kampanja | 7 |
| 2.5 | Materjal promozzjonali | 8 |
| 2.6 | Kif tista' tinvolvi ruġek? | 9 |
| 2.7 | Ċertifikat ta' Parteċipazzjoni u Offerta ta' Sħubija | 10 |
| 3. | Valutazzjoni tar-riskji – fatti u ċifri | 10 |
| 3.1 | Madwar l-Ewropa | 10 |
| 3.2 | L-approċċ f'ħames fażijiet | 12 |
| 4. | <i>Studji tal-każijiet</i> | 13 |
| 4.1 | Inċident kimiku gravi | 13 |
| 4.2 | Inċidenti fatali fil-biedja | 13 |
| 4.3 | Leżjonijiet ta' sforz ripetittiv (RSI) | 13 |
| 5. | Eżempji ta' prattika tajba | 14 |
| 5.1 | Neliminaw ir-riskju | 14 |
| 5.2 | Innaqqsu l-ħsejjes, innaqqsu t-trab | 15 |
| 6. | <i>Links</i> addizzjonali | 15 |
| 7. | Dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol | 16 |

1. Kuntest ġenerali

1.1 L-importanza tal-valutazzjoni tar-riskji

Kulħadd għandu interess li jżomm il-ħaddiema f'kundizzjoni ta' saħħa tajba u ta' sigurtà. Barra minn hekk, ħafna mill-inċidenti u l-mard relatat max-xogħol jistgħu jiġu evitati. Iżda kif?

Il-valutazzjoni tar-riskji hija l-ewwel pass

Il-valutazzjoni tar-riskji hija l-bidu tal-proċess tal-ġestjoni tar-riskji. Din tippermetti lill-persuni li jħaddmu jifhmu l-azzjoni li jeħtieġ li jieħdu biex itejbu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll il-produttività.

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (UE-OSHA) żviluppat kampanja ta' informazzjoni mifruxa ma' l-Ewropa kollha, li tiffoka fuq il-valutazzjoni tar-riskji. Il-kampanja tindirizza s-setturi li jinsabu f'riskju għoli u l-impriżi żgħir u ta' daqs medju (SMEs) b'mod speċjali.

Minn mindu ġiet adottata d-direttiva ta' qafas Ewropea fl-1989, il-valutazzjoni tar-riskji saret kunċett familjari għall-organizzazzjoni tal-prevenzjoni fil-post tax-xogħol, u mijiet ta' eluf ta' kumpaniji madwar l-Ewropa kollha jivvalutaw ir-riskji tagħhom b'mod regolari.

Madankollu, iċ-ċifri ta' hawn taħt¹ rigward l-inċidenti u l-mard fuq il-post tax-xogħol juru li hemm bżonn ta' titjib. Kull sena, miljuni ta' nies fl-UE jkorru fuq ix-xogħol, jew isofru indeboliment sejru għal saħħithom fuq il-post tax-xogħol.

- **Kull tliet minuti u nofs, fl-UE tmurt persuna minn kawżi relatati max-xogħol. Dan ifisser kważi fis-sena jmutu 167,000 persuna minħabba inċidenti relatati max-xogħol (7,500) jew minn mard ikkawżat mill-kundizzjonijiet fuq il-post tax-xogħol (159,500).**
- **Kull erba' sekondi u nofs, hemm ħaddiem fl-UE vittma ta' inċident li jġiegħlu jibqa' d-dar għal mill-inqas tlett ijiem tax-xogħol. In-numru ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol li jġiegħlu assenza mix-xogħol ta' tlett ijiem jew iktar huwa enormi, b'aktar minn 7 miljuni kull sena.**

Barra minn hekk, l-inċidenti u l-mard fuq il-post tax-xogħol **għandhom prezz għoli**:

- **Prezz uman għall-ħaddiema u l-familji tagħhom:** wara dawn l-istatistiċi hemm persuni reali, kull wieħed u waħda minnhom bi storja personali tiegħu jew tagħha, kif muri fl-istudji tal-każijiet fit-taqsima 4.
- **Prezz għall-organizzazzjonijiet:** meta l-affarijiet fuq ix-xogħol imorru ħażin, dan jolqot il-produttività ta' l-impriża u l-inċidenti u l-mard fuq il-post tax-xogħol jiġġeneraw spejjeż, kif ukoll żieda fir-rati tal-lif minħabba

mard u r-rata li biha l-ħaddiema jtilqu impriża jew jidħlu magħha kif ukoll ħaddiema anqas motivati.

- Prezz għall-gvern: l-inċidenti u l-mard jifgħu piż kbir ħafna fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa.

Valutazzjoni tar-riskji xierqa tista' tipprovdi għadd ta' **vantaġġi għall-impriżi**:

- Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol siguri li jippermettu lill-kumpaniji jaqtgħu l-ispejjeż li jirriżultaw mill-inċidenti u l-mard relatati max-xogħol.
- Valutazzjoni tar-riskji xierqa tgħin biex jitnaqqsu r-rati tal-lif minħabba mard, u l-ispejjeż ta' l-assigurazzjoni jonqsu wkoll peress li jkun hemm inqas klejms.
- Il-ħaddiema li jkunu motivati aktar ikunu aktar produttivi u effiċjenti, u jaqgħu r-rati li bihom l-persunal jitaq impriża jew jidħol magħha. Dan kollu jgħin biex l-impriżi jsiru aktar kompetittivi.

1.2 Il-valutazzjoni tar-riskji – iċ-ċavetta għal postijiet tax-xogħol li jgħibu 'l quddiem is-saħħa

Il-valutazzjoni tar-riskji hija l-bażi ta' l-approċċ Ewropew għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u hemm raġunijiet tajbin għal dan. Jekk ir-riskji ma jiġux valutati jew ma jiġux indirizzati kif jixraq, ma jkunx jista' jinbeda proċess ta' ġestjoni tar-riskji adegwat u jkun improbabbli li jiddaħħlu fis-seħħ il-miżuri preventivi xierqa. Għalhekk, valutazzjoni tar-riskji sistematika ttejjeb is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-prestazzjoni tan-negozju b'mod ġenerali.

Il-valutazzjoni tar-riskji hija l-proċess li matulu jiġu valutati r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mill-perikli li jeżistu fuq il-post tax-xogħol. Hija eżami sistematiku ta' l-aspetti kollha tax-xogħol, li tikkunsidra:

- x'jista' jikkawża korriment jew ħsara,
- jekk il-perikli jistgħux jiġu eliminati u, jekk le,
- liema miżuri preventivi jew protettivi huma, jew għandhom ikunu, fis-seħħ biex jikkontrollaw dawn ir-riskji.

Meta jiġi identifikat riskju, l-ewwel ħaġa li għandha tiġi kkontrollata hija **jekk ir-riskju jistax jiġi eliminat.** Jekk dan ma jkunx possibbli, **ir-riskji għandhom ikunu kkontrollati.**

1.3 Kuntest ġuridiku

Il-persuni li jħaddmu għandhom id-dmir ġenerali li jassiguraw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull aspett relatat max-xogħol. Il-valutazzjoni tar-riskji tippermetti lil min iħaddem jieħu l-miżuri meħtieġa biex iħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tiegħu.

Il-valutazzjoni tar-riskji hija rekwiżit ġuridiku li ilha mill-adozzjoni tad-Direttiva ta' Qafas 89/391ⁱⁱ. Din id-direttiva tagħmel enfasi fuq ir-irwol ewlieni tal-valutazzjoni tar-riskji u tistabbilixxi dispożizzjonijiet bażiċi li għandhom jiġu segwiti minn kull min iħaddem. Madankollu, l-Istati Membri għandhom id-dritt li jippromulgaw dispożizzjonijiet aktar stretti sabiex iħarsu lill-ħaddiema tagħhom.

Għal aktar informazzjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskji żur:

<http://osha.europa.eu/topics/riskassessment>

2. Postijiet tax-Xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa: Tajjeb għalik. Tajjeb għall-kumpanija. Kampanja Ewropea dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji

2.1 Kuntest

FI-2004, inħarġet komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropeaⁱⁱⁱ dwar l-implimentazzjoni prattika tad-direttiva ta' Qafas 89/391 u l-ewwel ħames direttivi individwali tagħha. Id-dokument għamel enfasi fuq il-ħtieġa li jinfirex ix-xogħol tal-valutazzjoni tar-riskji. Għamel enfasi wkoll fuq il-ħtieġa li jittejbu l-implimentazzjoni u l-kwalità tal-valutazzjoni tar-riskji.

- Il-kompiti fil-valutazzjoni tar-riskji, id-dokumentazzjoni u s-sorveljanza m'humix mifruxa b'mod universali, inkluż fi Stati Membri bi tradizzjoni bbażata fuq il-prevenzjoni.
- Il-valutazzjoni tar-riskji spiss titqies bħala azzjoni 'ta' darba' u mhijex sforz ripetut.
- Ir-riskji ma jiġux analizzati u valutati flimkien. Bħala riżultat, qegħdin jitpoġġew fis-seħħ miżuri separati, iżda ma hemm ebda approċċ integrattiv għall-analiżi tal-kundizzjonijiet fuq il-post tax-xogħol.
- Matul it-tweġiq tal-valutazzjonijiet tar-riskji superfiċjali, il-fokus jiġi poġġa fuq l-identifikazzjoni tar-riskji ovvjati u immedjati; l-effetti fuq perjodu twil, bħal dawk ikkawżati mis-sustanzi kimiċi, qegħdin jiġu ttraskurati.

- ➡ Ir-riskji psikosoċjali u l-fatturi ta' l-organizzazzjoni tax-xogħol rari jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tar-riskji.
- ➡ L-effiċjenza tal-miżuri meħuda m'hijiex qiegħda tiġi ssorveljata biżżejjed minn dawk li jħaddmu.

2.2 Għanijiet tal-kampanja

Il-valutazzjoni tar-riskji tista' tkun sfida, speċjalment għal impriżi żgħir u ta' daqs medju, iżda jeħtieġ li ma tkunx hekk. L-għanijiet tal-kampanja dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju huma li:

- ➡ **titqajjem kuxjenza** tar-responsabbiltà ġuridika u ta' l-importanza u l-ħtieġa prattika li jiġu valutati r-riskji fuq il-post tax-xogħol. Il-valutazzjoni tar-riskji m'hijiex għan fiha nnifisha, iżda għodda b'saħħitha biex tidentifika l-ħtieġa għal miżuri preventivi,
- ➡ **tiċċara l-proċess** u turi, b'mod speċjali lill-SMEs, li l-valutazzjoni tar-riskji mhux bilfors hija kkumplikata, burokratika, jew biċċa xogħol għall-esperti biss,
- ➡ **tippromwovi approċċ b'ħames passi** għall-valutazzjoni tar-riskji (ara t-taqsim 3.2),
- ➡ **tinkoraġġixxi lill-impriżi** biex iwettqu l-valutazzjoni tar-riskji tagħhom internament, jekk fuq il-post tax-xogħol ikollhom persunal kompetenti,
- ➡ tenfasizza l-fatt li l-valutazzjoni tar-riskji hija **proċess kontinwu** u mhux sempliċi obbligu ta' darba,
- ➡ tenfasizza l-fatt li **l-kwalità hija l-aktar ħaġa li tgħodd** (u li huwa importanti li l-valutazzjoni tar-riskji tiġi ddokumentata, immonitorjata u riveduta),
- ➡ tippromwovi valutazzjoni tar-riskji parteċipattiva, **l-involvement ta' kull persuna** fuq il-post tax-xogħol fil-valutazzjoni tar-riskji, u
- ➡ **tippromwovi prattiċi tajbin** li jistgħu jiġu trasferiti u li jagħmlu l-proċess aktar faċli.

L-għan aħħari tal-kampanja, ovvjament, huwa li tgħin biex jitnaqqas in-numru ta' nies li qiegħdin iweġġgħu jew li qiegħdin jesperjenzaw mard f'saħħithom bħala riżultat tax-xogħol tagħhom, issa u fil-ġejjieni.

2.3 Strateġija tal-kampanja

Billi tibda bil-kampanja dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji (2008-2009), UE-OSHA qiegħda għall-ewwel darba tgħaddi għal **ċiklu ta' kampanja ta' sentejn**. Dan il-pass huwa maħsub biex jagħmel il-kampanji aktar effikaċi sabiex jinkisbu l-

għanijiet ta' l-Istrateġija Komunitarja għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol 2007-2012.

Bl-estensjoni tal-Kampanja tal-Ġimgħa Ewropea biex iddum għaddejja għal perjodu ta' sentejn, ikun hemm aktar żmien għat-tnejn u s-segwitu, inkluż l-ippjanar ta' l-Istrateġija tal-kampanja u l-ikkummissjonar ta' materjal ġdid relatat mal-kampanja u aktar ħin għat-traduzzjoni, il-produzzjoni u t-tqassim tiegħu.

Is-suċċess tal-kampanja jiddependi fuq il-kollaborazzjoni u l-appoġġ attiv ta' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati u msieħba fil-kampanja, inklużi l-punti fokali ta' l-UE-OSHA, li ħafna drabi jkunu l-awtoritajiet nazzjonali tas-saħħa u s-sigurtà fl-Istati Membri differenti. Għalhekk, il-mudell il-ġdid għandu fokus akbar fuq tfassil ta' kampanja **ibbażata fuq in-network**. Dan jagħti wkoll aktar ħin għas-segwitu, b'mod speċjali għall-promozzjoni ta' prattiċi tajbin, u biex jiġu żviluppati sħubiji.

Il-kampanja hija mfasla wkoll biex tinvolvi firxa wiesgħa ta' impriżi u organizzazzjonijiet sabiex iwasslu l-messaġġi prinċipali lill-fornituri, il-kuntratturi u l-ġirien tagħhom u sabiex jinkoraġġuhom ħalli jipparteċipaw. L-intrapriżi l-kbar b'mod partikolari, għandhom interess li jgħinu lil dawk l-intrapriżi li huma iżgħar minnhom fil-ktajjen tal-provvisti tagħhom, billi jaħdmu flimkien sabiex jaqsmu l-esperjenzi u l-ħiliet tagħhom.

Il-kampanja għandha l-appoġġ tal-Prezidenzi ta' l-UE tas-Slovenja u ta' Franza fl-2008 u tar-Repubblika Ċeka u ta' l-Iżvezja fl-2009, tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea u ta' l-Imsieħba Soċjali Ewropej.

2.4 *Kalendarju tal-kampanja*

2008

| | |
|-------------------|---|
| 13 ta' Ġunju | It-tnedija tal-kampanja mal-Kummissjoni Ewropea u l-Prezidenza Slovena ta' l-UE fi Brussell |
| 20-26 ta' Ottubru | Il-Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (It-43 Ġimgħa tal-Kalendarju) |
| 3-4 ta' Novembru | FITS (<i>Forum International Travail Santé</i>) mal-Prezidenza Franċiża ta' l-UE |
| Nov./Diċ. | L-evalwazzjoni tan-nominati nazzjonali għal prattika tajba sottomessi għal-livell ta' l-UE |

Il-Ġimgħat Ewropej huma sensiela ta' avvenimenti li jsiru kull sena fl-Istati Membri kollha ta' l-UE, li jippromwovu saħħa u sigurtà mtejba fuq il-post tax-xogħol. Dawn ikunu miftuħin għal kull min huwa interessat f'dan il-qasam.

Il-kampanja tilqa' fiha wkoll il-Premijiet għal Prattika Tajba, li jagħtu rikonoxximent lil kumpaniji u organizzazzjonijiet li jkunu għamlu kontributi eċċellenti biex jippromwovu l-valutazzjoni tar-riskji fuq il-post tax-xogħol. Matul l-2008, il-Premijiet għal Prattika Tajba huma organizzati fuq livell nazzjonali u Ewropew.

2009

| | |
|-------------------|---|
| Frar/Marzu | Konferenza u l-Premijiet għal Prattika Tajba mal-Presidenza Ċeka ta' l-UE |
| Frar-Sett. | Attivitajiet ibbażati fuq suġġett; fokus fuq is-settur u lokali |
| 19-25 ta' Ottubru | Il-Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (It-43 Ġimgħa tal-Kalendarju) |
| Ott./Nov. | Konferenza mal-Presidenza Żvediża ta' l-UE |
| Novembru | Avveniment ta' l-għeluq tal-kampanja |

Wara li jitħabbru r-rebbieħa tal-Premijiet għal Prattika Tajba, l-eżempji tagħhom ser jiġu promossi matul l-2009.

2.5 Materjal promozzjonali

Il-materjal promozzjonali kollu huwa disponibbli fi 22 lingwa ta' l-UE u jista' jitniżżel mingħajr ħlas minn fuq is-sit elettroniku tal-kampanja:

<http://hw.osha.europa.eu>

Dan il-materjal jinkludi

- posters u fuljetti
- skedi informattivi
- preżentazzjonijiet bil-powerpoint
- studji tal-każijiet dwar prattika tajba
- kwizzijiet
- animazzjonijiet li juru l-karattru popolari tal-*cartoons* Napo
- suġġerimenti fuq kif għandhom jiġu organizzati u ġestiti l-attivitajiet matul il-Ġimgħa Ewropea
- sezzjonijiet dwar l-Imsieħba u dwar l-Avvenimenti
- kollegamenti għar-riżorsi fuq siti relatati

u ħafna aktar...

Is-sit jagħti wkoll aċċess għall-għodod tal-valutazzjoni tar-riskji skond is-settur u l-periklu, sabiex jgħin fl-aspetti prattiċi tat-twettiq tal-valutazzjonijiet tar-riskji.

Dan il-materjal kollu huwa disponibbli bla ħlas għall-organizzazzjonijiet biex jużawh huma u biex iqassmuh fost il-partijiet interessati u l-imsieħba tagħhom.

Matul il-kampanja ser isiru konferenzi stampa u attivitajiet oħra għall-midja bil-għan li tingħata pubbliċità lill-importanza tal-valutazzjoni tar-riskji.

2.6 Kif tista' tinvolti ruġek?

L-għan ta' l-UE-OSHA huwa li tinkoraġġixxi lill-individwi u l-organizzazzjonijiet ta' kull daqs sabiex jinvolvu ruġhom fil-kampanja, u biex jorganizzaw l-avvenimenti u l-attivitajiet tagħhom stess matul il-Ġimgħat Ewropej jew fi kwalunkwe mument ieħor matul il-kampanja.

Kulħadd jista' jieħu sehem:

- min iħaddem – fis-settur pubbliku kif ukoll privat – inklużi l-SMEs
- il-manigġers, is-superviżuri u l-ħaddiema
- it-trade unions u r-rappreżentanti tas-sigurtà
- l-istituzzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà
- l-operaturi u l-professionisti ta' l-OHS
- is-servizzi tal-prevenzjoni u ta' l-assigurazzjoni reġjonali u lokali ta' l-OHS.

Dawn jistgħu jinvolvu ruġhom billi jorganizzaw

- manifestazzjonijiet, wirjiet u eżibizzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà
- workshops, seminars u avvenimenti ta' taħriġ
- kompetizzjonijiet ta' posters u kwizzijiet
- kampanji promozzjonali u reklamar
- sħubiji bejn impriżi u ċentri ta' edukazzjoni u taħriġ
- skemi ta' 'għirien tajba' bejn entitajiet kbar u żgħar li jħaddmu n-nies magħhom, skemi ta' suġġeriment
- identifikazzjoni tal-perikli
- jiem ta' spezzjoni.

Għal aktar tagħrif dwar avvenimenti u fuq kif tista' tinvolti ruġek, tista' tikkuntattja lill-punt fokali f'pajjiżek – wieħed jista' jsib id-dettalji tal-kuntatt fuq is-sit elettroniku ta' l-UE-OSHA.

http://osha.europa.eu/about/partners/focal_points/

Għal dawk l-organizzazzjonijiet li qegħdin jipplanaw l-avvenimenti tagħhom għal matul il-Ġimgħa Ewropea, is-sit elettroniku tagħna jipprovdi eżempji ta' prattika tajba, kif ukoll fora fejn wieħed ikun jista' jaqsam l-ideat, jagħti l-feedback, u jsir jaf x'qegħdin jagħmlu nies oħrajn.

2.7 Ċertifikat ta' Parteċipazzjoni u Offerta ta' Sħubija

L-UE-OSHA trid tistabbilixxi sħubiji li minnhom jibbenifikaw il-partijiet kollha u poġġiet fis-seħħ numru ta' kanali u azzjonijiet sabiex jagħtu viżibilità lill-imsieħba fil-kampanja u biex jippromwovu l-attivitajiet tal-kampanja u l-kontributi tagħhom.

- **Inti tgħinna** inqajmu kuxjenza dwar il-valutazzjoni tar-riskji u nagħtu viżibilità lill-kampanja dwar il-Postijiet tax-Xogħol Tajbin għas-Saħħa.
- **Aħna nagħtuk** viżibilità bħala sieħeb fil-kampanja u bħala organizzazzjoni ddedikata għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Hemm żewġ livelli ta' involviment u rikonoxximent:

- **Ċertifikat ta' Parteċipazzjoni** għal involviment attiv f'waħda mill-attivitajiet nazzjonali jew Ewropej.
- **L-Offerta ta' Sħubija** tmur lil hinn u tipprovdi opportunità biex dak li jkun jibbenefika minn firxa estiża ta' promozzjoni u biex tkabbar il-profil tiegħek fil-komunità ta' l-OHS u lil hinn permezz tal-viżibilità għolja tal-kampanja dwar il-Postijiet tax-Xogħol Tajbin għas-Saħħa. Hija riservata għal dawk li huma involuti b'mod sostanzjali fil-kampanja u timmultiplika l-isforzi tagħhom permezz tal-membri fin-netwerk tagħhom (bl-organizzazzjoni ta' l-avvenimenti, il-konferenzi jew il-kompetizzjonijiet tagħhom stess; il-promozzjoni tal-kampanja fuq is-sit elettroniku; it-tqassim tal-materjal kollu relatat mal-kampanja eċċ.).

Għal aktar tagħrif dwar dawn l-offerti, ara s-sezzjoni ta' l-imsieħba fuq is-sit elettroniku tal-kampanja: <http://hw.osha.europa.eu/partners>

3. Valutazzjoni tar-riskji – fatti u ċifri

3.1 Madwar l-Ewropa

Ir-riskji jiġu valutati b'suċċess fil-kumpanji ta' daqsijiet differenti madwar l-Ewropa kollha. Madankollu, id-dejta empirika ta' hawn taħt turi li xorta għad fadal lok għat-titjib, b'mod speċjali fost l-SMEs.

Il-kompitu tal-valutazzjoni tar-riskji m'huwiex mifrux b'mod universali

- Fi Franza, skond stħarriġ li sar fl-2004, 76% tal-persuni li jħaddmu f'impriżi b'20 ħaddiem jew aktar isostnu li wettqu valutazzjoni tar-riskji u li ħejjew id-dokumentazzjoni meħtieġa.^{iv}
- FI-Olanda, iċ-ċifri mill-Ispettorat tax-Xogħol Olandiż għall-2006 juru li fost l-iżgħar impriżi b'ħaddiem wieħed sa 4 kienu 42% dawk li wettqu l-valutazzjoni tar-riskji (53% fost l-impriżi b'5 sa 9 ħaddiema). Din iċ-ċifra tammonta għal 81% fl-impriżi b'10 sa 99 ħaddiema, u 97% f'impriżi b'aktar minn 100 ħaddiem.^v
- FI-Italja, stħarriġ mill-2005 juri li 88.5% ta' l-impriżi b'inqas minn 50 ħaddiem kienu wettqu valutazzjoni tar-riskji. FI-impriżi b'aktar minn 50 ħaddiem din iċ-ċifra tammonta għal 93.4%. Fost l-impriżi b'inqas minn 50 ħaddiem kienu 84.5% dawk li ddokumentaw il-valutazzjonijiet tar-riskji, waqt li fost dawk b'aktar minn 50 ħaddiem il-perċentwal kien ta' 92.6%.^{vi}
- Skond il-Flames Stħarriġ Nazzjonali Spanjol dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol^{vii}, li sar fl-2003, 61% ta' min iħaddem fl-industrija u s-servizzi jsostnu li wettqu jew jinsabu fil-proċess li jwettqu valutazzjoni tar-riskji. Din iċ-ċifra rduppjat meta mqabbla ma' l-istħarriġ preċedenti li kien sar fl-1999.
- Fil-Ġermanja, stħarriġ li sar fl-2005 juri li fost l-impriżi b'ħaddiem wieħed sa 9 ħaddiema kienu 30% dawk li wettqu valutazzjoni tar-riskji. Fost l-impriżi b'10 sa 49 ħaddiem il-perċentwal kien ta' 54% u fl-impriżi b'50 sa 249 ħaddiem il-perċentwal kien ta' 80%. Fost l-impriżi l-kbar b'250 ħaddiem u aktar, kienu 97% dawk li vvalutaw ir-riskji tagħhom.^{viii}
- Fi stħarriġ Latvjan^{ix} li sar fl-2006, tliet kwarti ta' dawk li jħaddmu indikaw li l-valutazzjoni tar-riskji ma kinitx saret jew li kienet saret biss parzjalment, u kienu biss 22% ta' dawk li rrispondew li ddikjaraw li din kienet saret b'mod sħiħ. Meta mqabbla mad-dejta minn riċerka preċedenti, jista' jiġi konkluż li n-numru ta' kumpaniji fejn il-valutazzjoni tar-riskji saret b'mod sħiħ kiber, minn 15% fl-2002 għal 22% fl-2006.

Il-valutazzjoni tar-riskji ta' kwalità tajba, inklużi d-dokumentazzjoni, ir-reviżjoni u t-twaqqif tal-pjanijiet ta' azzjoni, tibqa' sfida importanti

- Skond stħarriġ aktar fil-fond dwar il-valutazzjoni tar-riskji li sar fl-Italja fl-2000-2002, 95% ta' l-impriżi jsostnu li kienu għamli l-valutazzjoni tar-riskji, iżda kienu biss 54% li qalu li kienu rivedewha. Minbarra dan, fi 23% tal-każijiet, il-ħaddiema esposti għar-riskji m'humix identifikati u f'21% tal-każijiet ma hemmx biżżejjed informazzjoni jew deskrizzjoni tal-miżuri preventivi u protettivi.

Dan l-istħarriġ juri wkoll li l-involvement tal-ħaddiema fil-proċess tal-valutazzjoni tar-riskji huwa aktar importanti fl-impriżi li huma akbar: 41% f'dawk li huma l-iżgħar (6-10 ħaddiema) u 57% fl-akbar impriżi (200 ħaddiem u aktar)^x.

- Fir-Renju Unit, stħarriġ li sar mill-Kungress tat-*Trade Unions* fl-2007 fost ir-rappreżentanti tas-sigurtà jindika li inqas minn tlieta minn kull għaxra (28%) isostnu li huma sodisfatti bl-involvement tagħhom fit-tfassil tal-valutazzjoni tar-riskji. 44% isostnu li ma huma involuti xejn u 27% isostnu li m'humiex involuti biżżejjed^{xi}.
- Skond stħarriġ imwettaq mill-Konfederazzjoni Daniża tat-*Trade Unions* (LO) fl-2003^{xii}, tliet kwarti ta' l-impriżi ssodisfaw l-obbligu tagħhom li jirreġistraw ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskji f'dokument miktub. Erbgħa minn kull ħamsa ta' dawn l-impriżi jgħidu li ma sabu l-ebda diffikultà fit-tfassil tad-dokument. Żewġ terzi jaħsbu li t-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskji kellu impatt pożittiv fuq l-ambjent tax-xogħol tagħhom u 40% jgħidu li l-valutazzjoni tar-riskji tejbet id-djalogo bejn il-maniġment u l-impjegati.

3.2 L-approċċ f'ħames fażijiet

Għal ħafna min-negozji, approċċ ħafif b'ħames passi^{xiii} għall-evalwazzjoni tar-riskju għandu jaħdem sewwa. Madankollu, hemm metodi oħrajn li jaħdmu ugwalment sewwa, b'mod partikolari għal ċirkostanzi u riskji aktar kumplessi.

L-ewwel fażi — Identifikazzjoni tal-perikli u ta' dawk fir-riskju

It-tfittxija għal dawk l-affarijiet fuq il-post tax-xogħol li għandhom il-potenzjal li jikkawżaw il-ħsara, u l-identifikazzjoni tal-ħaddiema li jistgħu jkunu esposti għall-perikli.

It-tieni fażi — Valutazzjoni u prijoritizzazzjoni tar-riskji

Il-valutazzjoni tar-riskji eżistenti (il-gravità tagħhom, il-probabbiltà li jseħħu, eċċ.) u l-prijoritizzazzjoni tagħhom f'ordni ta' importanza. Huwa essenzjali li tiġi prijoritizzata l-ħidma li trid issir sabiex jiġu eliminati jew evitati r-riskji.

It-tielet fażi — Deċiżjoni dwar azzjoni preventiva

L-identifikazzjoni tal-miżuri xierqa biex jiġu eliminati jew ikkontrollati r-riskji.

Ir-raba' fażi — Teħid ta' azzjoni

It-tqegħid fis-seħħ tal-miżuri preventivi u protettivi permezz ta' pjan ta' prijoritizzazzjoni (probabbilment il-problemi kollha ma jkunux jistgħu jiġu solvuti immedjatament) u li jiġi speċifikat min jagħmel xiex u meta, meta trid titlesta biċċa xogħol, u l-mezzi allokat biex jiġu implimentati l-miżuri.

Il-ħames fażi — Monitoraġġ u eżami mill-ġdid

Il-valutazzjoni għandha tiġi riveduta f'intervalli regolari biex jiġi assigurat li din tibqa' aġġornata. Din għandha tiġi riveduta kull meta jokkorru bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni jew bħala riżultat tas-sejbiet ta' inċident jew ta' investigazzjoni li tkun falliet bi ftit^{xiv}.

4. Studji tal-każijiet

Wara kunċett bħall-valutazzjoni tar-riskji, li jista' jitqies bħala xi ħaġa astratta jew sempliċiment bħala piż amministrattiv ieħor, hemm stejjer individwali. In-nies jistgħu jmutu jew ikollhom jgħixu bil-konsegwenzi ta' inċidenti u ħsara għal saħħithom għall-bqija ta' ħajjithom minħabba li r-riskji ma jkunux ġew identifikati u ġestiti.

4.1 Inċident kimiku gravi

Žagħżuġ ta' 23 sena, sofra minn ħruq estensiv wara li ġie f'kuntatt ma' sustanza li taqbad malajr li tintuża għall-ħasil ta' *guns* ta' l-isprej taż-żebgħa. Prattiki ħżiena fil-kumpanija jinkludu nuqqas ta' metodi siguri għall-ġarr u l-ħżin ta' sustanzi kimiċi perikolużi, u nuqqas ta' taħriġ u superviżjoni. Prattika waħda perikoluża b'mod partikolari kienet tinvolvi l-ġarr ta' sustanza perikoluża għall-ħasil tal-*gun* fi bramel mikxufa u mingħajr tikketta. Anki wara dan l-inċident tal-biża', il-kumpanija naqset milli tikkonforma mat-titjib meħtieġ mill-ispettorat tax-xogħol sakemm tressqet il-qorti u ġiet immultata^{xv}.

4.2 Inċidenti fatali fil-biedja

Żewġ ħaddiema emigranti żgħażaġħ (21 u 27 sena) mietu wara li tħabblu f'makkinarju li jintuża f'azienda agrikola tal-frott. Ix-xogħol kien jinvolvi t-twaqqif u l-iżmuntaġġ tal-*poly-tunnels*, li jġu assigurati bl-użu ta' ħbula twal. Tħabblu meta kienu qegħdin jużaw magna li trembel il-ħabel li kienet armata fuq trakter. Ma kinitx saret valutazzjoni tar-riskji u l-apparat li jrembel fuq it-trakter ma kienx inadegwata, minħabba li ma kellux swiċċ ta' tifi awtomatiku fil-każ li persuna titħabbel. Il-ħaddiema ma kienux imħarrġa b'mod adegwat, u lanqas ma kienu mgħarrfa dwar il-perikli li jġib miegħu dan ix-xogħol. L-investigaturi ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li ħafna mill-ħaddiema fl-azienda agrikola kienu studenti, li jista' jkun li ma kellhomx wisq għarfien ta' Prattiki tax-xogħol siguri^{xvi}.

4.3 Leżjonijiet ta' sforz ripetittiv (RSI)

Stephen Fisher kien Inġinier Prinċipali fl-industrija ajruspazjali, b'impjieg impenjattiv u eċċitanti fuq proġett tal-missili Ewropew maġġuri ġdid li kien jirrikjedi xogħol intensiv fuq il-kompjuter u sigħat twal ta' xogħol. Imbagħad, għodwa waħda fl-2002, waqt li kien qiegħed jaħdem fuq il-kompjuter tiegħu, huwa ħass uġiġħ f'daqqa u qawwi, ("*sajjetta fuq wara t'idu*") u li baqa' tiela' sa driegħu. Qatt ma kien ħassu hekk qabel dakinhar. Huwa kellu jieqaf jagħmel użu minn kompjuuter immedjament, ma setax juża telefon jew isuq. Wara xahrejn huwa aċċetta li jieħu lif minħabba mard għal perjodu twil ta' żmien. Tmintax-il xahar wara huwa rtira mix-xogħol wara li ġie ċċertifikat medikalment li m'huwiex tajjeb biex jaħdem.

Kważi 6 snin minn dakinhar, wara li nefaġ aktar minn €13,000 fuq trattament ta' l-RSI peress li dan m'huwiex disponibbli mis-Servizz tas-Saħħa Nazzjonali tar-

Renju Unit, huwa għadu ma rkuprax għal kollox. It-trattament ta' l-RSI xorta waħda għadu jwaqqfu milli jagħmel xogħol li f'it tas-snin ilu kien iqisu bħala faċli.

Dawn ir-riskji huma magħrufa sew u ddokumentati iżda sfortunatament ma saret l-ebda valutazzjoni tar-riskji. Dawn il-leżjonijiet jistgħu jiġu evitati billi tiġi identifikata (permezz ta' valutazzjoni tar-riskji) l-eżistenza tar-riskju jew is-sintomi bikrija u billi tittieħed azzjoni mill-ewwel. Sfortunatament, l-esperjenza tiegħu m'hijiex unika^{xvii}.

5. Eżempji ta' prattika tajba

5.1 Neliminaw ir-riskju

Kumpanija Olandiża timmanifattura komponenti ta' l-art b'linji mqabbża. Din il-kumpanija tuża sistema ta' palits ta' l-injam biex tittrasporta dawn il-prodotti, fejn il-ħaddiema jkollhom jimmaniġġjaw blokok ta' palits goffi li jiżnu madwar 25 kg meta jkunu niexfa.

Ir-riskju tad-disturbi muskuloskeletriċi mill-immaniġġjar manwali ta' dawn il-blokok tal-palits tqal kien rikonoxxut matul il-valutazzjoni tar-riskji.

Soluzzjonijiet potenzjali kienu jinkludu t-tibdil tad-disinn jew tal-materjali tal-palits u l-użu ta' makkinarju mekkaniku għall-irfigħ. Madankollu, il-kumpanija kkonkludiet li l-aqwa soluzzjoni kienet li teħles mill-palits kompletament.

Sessjoni ta' *brainstorming* ma' l-impjegati identifikat is-soluzzjoni: li jiġi inkorporat element moħbiji (taħt l-art, jew fil-ħitan) fil-komponenti ta' l-art b'linji mqabbża, li jwassal biex il-palits ta' l-injam jiġu żejda. Il-fattibbiltà ta' din is-soluzzjoni ġiet ittestjata, fejn ġie eżaminat b'mod partikolari jekk il-komponenti ddisinjati mill-ġdid żammewx il-kwalità u l-istandards tal-kostruzzjoni mitluba.

Ir-riżultat huwa li la l-impjegati u lanqas ħaddiema oħrajn, bħas-sewwieqa sottokuntrattati, ma għandhom jagħmlu sforz fiżiku u jirriskjaw li jkorru bl-immaniġġjar tal-palits.

B'nefqa annwali ta' €137.000, id-disinn mill-ġdid iffranka €91.000 fis-sena f'użu ta' komponent ieħor u €22.000 fix-xiri ta' palits. Huwa aktar diffiċli li tattribwixxi direttament il-waqqgħa fl-assenza minħabba mard tul l-aħħar tliet snin għad-disinn mill-ġdid, iżda xi mkien għandu jkun hemm rabta. Benefiċċji oħrajn jinkludu tnaqqis fil-ħsejjes billi in-*nail guns* m'għadhomx aktar meħtieġa biex jirranġaw il-palits u għal tqassim aktar malajr fuq is-sit minħabba li ma hemmx bżonn li l-palits jiġu mgħobbija għal fuq it-trakkijiet.

Aktar tagħrif fuq: <http://osha.europa.eu/publications/reports/TE7606536ENC>

5.2 Innaqqsu l-*ħsejjes*, innaqqsu t-*trab*

F'impriża fl-Awstrija kien isir *grinding* intensiv fi proċess ta' fabrikazzjoni tal-metall, li joħloq ħafna trab u storbu. Il-kumpanija ddeċidiet li tagħmel xi titjib u waqqfet proġett speċjali sabiex tnaqqas dawn l-emissjonijiet.

Il-proġett ingħatawlu finanzi u riżorsi tal-persunal biżżejjed u t-tim tal-proġett kien jinkludi l-ħaddiema milquta, maniġers, tobba tax-xogħol, rappreżentanti tal-kunsill tax-xogħlijiet u speċjalisti tal-prevenzjoni. Huma stħarrġu s-soluzzjonijiet possibbli, żammew diskussjonijiet mal-fornituri potenzjali u organizzaw taħdidiet ma' l-awtoritajiet tas-saħħa u s-sigurtà. Tħejjew u ġew valutati madwar tużżana ideat ta' disinn.

Il-bidliet introdotti jinkludu:

- ▀▀▀ kabini tal-*grinding* b'sistemi ta' estrazzjoni
- ▀▀▀ sistemi ta' estrazzjoni fuq il-post
- ▀▀▀ sistemi ta' filtrazzjoni bil-*cartridge*
- ▀▀▀ ottimizzazzjoni tal-ġbid tat-trab billi jiġi ddisinjat mill-ġdid il-post ta' tisnin ta' l-għodda
- ▀▀▀ titjib fid-dawl biex inaqqas il-leħħa tad-dawl u d-dellijiet.

Ir-riżultat kien:

- ▀▀▀ tnaqqis fit-tagħbijiet tat-trab fl-atmosfera (sa 90% f'xi postijiet);
- ▀▀▀ tnaqqis fil-kurrent ta' l-arja, u
- ▀▀▀ tnaqqis fil-ħsejjes b'10 dB(A) għall-operaturi tal-magni u għall-erja tas-sala tal-madwar wara l-introduzzjoni tal-kabini.

L-investment totali kien ta' madwar €400.000. Apparti mit-titjib fis-saħħa u s-sigurtà għall-ħaddiema, il-benefiċċji ta' inqas trab li jinġarr mill-arja jinkludu iffrankar totali kkalkulat ta' madwar €70.000 fis-sena.

Aktar tagħrif huwa disponibbli fuq: <http://osha.europa.eu/publications/reports/106>

6. Links addizzjonali

Is-sit elettroniku tal-kampanja

<http://hw.osha.europa.eu>

Skeda informattiva nru 80: *L-evalwazzjoni tar-riskju — rwoli u responsabbiltajiet*

<http://osha.europa.eu/publications/factsheets/80>

Skeda informattiva nru 81: *L-evalwazzjoni tar-riskju — il-muftieħ għal postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa*

<http://osha.europa.eu/publications/factsheets/81>

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391 tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol

<http://osha.europa.eu/legislation/directives/A/1/1>

Il-valutazzjoni tar-riskju

<http://osha.europa.eu/topics/riskassessment>

7. Dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, bis-sede tagħha f'Bilbao, Spanja, twaqqfet mill-Unjoni Ewropea biex tipprovdi tagħrif dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. L-Aġenzija taġixxi bħala katalizzatur għall-iżviluppar u t-tixrid ta' l-informazzjoni li tgħin biex jiġu mħarsa l-ħaddiema ta' l-Ewropa.

Billi tlaqqa' flimkien lir-rappreżentanti mill-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, kif ukoll l-esperti ewlenin fil qasam tas-saħħa u s-sigurtà fl-Istati Membri ta' l-UE u lil hinn minnhom, l-Aġenzija tipprovdi sors affidabbli, bilanċjat u imparzjali ta' informazzjoni dwar l-OHS.

Għal aktar tagħrif, żur is-sit elettroniku ta' l-Aġenzija: <http://osha.europa.eu>

ⁱ P. Hämäläinen, J. Takala, K.L. Saarela, (study to be published), Tampere University of Technology (Finland), study made for the International Labour Office, ILO.

ⁱⁱ Council Directive 89/391/EEC of 12 June 1989 on the introduction of measures to encourage improvements in the safety and health of workers at work.
(<http://osha.europa.eu/legislation/directives/A/1/1>).

ⁱⁱⁱ COM (2004) 62 final: COMMUNICATION FROM THE COMMISSION TO THE EUROPEAN PARLIAMENT, THE COUNCIL, THE EUROPEAN ECONOMIC AND SOCIAL COMMITTEE AND THE COMMITTEE OF REGIONS on the practical implementation of the provisions of the Health and Safety at Work Directives 89/391 (Framework), 89/654 (Workplaces), 89/655 (Work Equipment), 89/656 (Personal Protective Equipment), 90/269 (Manual Handling of Loads) and 90/270 (Display Screen Equipment).

^{iv} Th. Coutrot, *Plus de trois établissements sur quatre déclarent évaluer les risques professionnels, Premières Synthèses n-09.3*, Dares, Mars 2007 (Enquête relations professionnelles et négociations d'entreprise (REPONSE) 2004-2005).

^v M. Bos, F. Saleh, O. Erdem, J. Samadhan, *Arbo in bedrijf 2006'. Een onderzoek naar de naleving van arbo-verplichtingen, blootstelling aan arbeidsrisico's en genomen maatregelen in 2006*, Arbeidsinspectie, October 2007.

^{vi} S. Perticaroli, A. Leva, *La cultura della sicurezza. Indagine sulle modalità di gestione di salute e sicurezza nelle aziende italiane*, ISPESL, November 2006.

^{vii} Instituto Nacional de Seguridad e Higiene en el trabajo, Ministerio de Trabajo y Asuntos Sociales, *V Encuesta nacional de condiciones de trabajo*, 2004.

^{viii} Survey conducted by BGZ (Berufsgenossenschaftliche Zentrale für Sicherheit und Gesundheit):

http://www.hvbg.de/d/bgz/bgz_info/veranst/archiv_vera/bgz_fachv_nov_2005/seite02.html

http://www.hvbg.de/d/bgz/bgz_info/pdf_bild_info/bgz_fach_nov_2005/pp_rentrop.pdf

^{ix} A/S "Inspecta Latvia" & RSU DVVI, *Working conditions and risks in Latvia*, 2007. (Research "working conditions and risks in Latvia" 2005-2007).

^x Coordinamento delle Regioni e Province autonome, *Rapporto conclusivo del progetto nazionale di monitoraggio e controllo dell'applicazione del D.Lgs. 626/94*, November 2003.

^{xi} TUC, *Focus on Health and Safety. Trade Union trends survey 06/02. TUC biennial survey of safety reps 2006*, London, 2006.

^{xii} LO, *Danske virksomheders brug af APV* (Danish Companies' use of Workplace Risk Assessment), April 2003.

^{xiii} Whether the risk assessment process in your country is divided into more or fewer steps, or even if some of the five steps are different, the guiding principles should be the same.

^{xiv} A near miss is an unplanned event that did not result in injury, illness or damage — but had the potential to do so.

^{xv} Reported in *Health and Safety Practitioner*, UK, 23.1, January 2005.

^{xvi} <http://www.hse.gov.uk/press/2005/e05095.htm>

^{xvii} <http://ew2007.osha.europa.eu/europeansummit/> (see “Stephen Fisher” - Workshop 3).